A.L. 114 ta' l-2006

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema għal Residenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikoli 56(10) u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema għal Residenti, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Skema għal Residenti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 428 ta' l-2004.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet preżenti tar-regolament għandhom jiġu enumerati mill-gdid bħala s-subregolament (1);

(b) minnufih wara s-sub-regolament (1), kif enumerat mill-gdid, għandu jiżdied is-subregolament (2) ġdid kif ġej:

"(2) L-applikazzjonijiet li dwarhom ma jkunx inħareġ ċertifikat taħt dawn ir-regolamenti qabel il-pubblikazzjoni ta' dan is-subregolament għandhom ikunu konformi wkoll ma' dak li hu meħtieġ skond ir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-paragrafu (ċ) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "kera proprjetà" għandhom jidħlu l-kliem "kera proprjetà immobbli".

Iżid regolament 10 mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Missjonijiet Diplomatici.

10. (1) F'dan ir-regolament, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra :

"applikant" tfisser persuna ta' nazzjonalità mhux Maltija li tkun qieghda tapplika għal permess għal residenza;

"dokumenti ta' sostenn" tfisser id-dokumenti meħtieġa mill-Kummissarju skond dawn ir-regolamenti;

"formola ta' l-applikazzjoni" tfisser il-formola preskritta taħt dawn ir-regolamenti li għandha timtela meta jintalab permess għal residenza;

"Missjoni Diplomatika" tfisser il-Missjonijiet li jirrappreżentaw lill-Gvern ta' Malta f'territorju barrani skond ma' jistgħu jkunu appuntati minn żmien għal żmien;

"pajjiż tan-nazzjonalità" tfisser il-pajjiż tan-nazzjonalità ta' l-applikant.

(2) (a) Fejn Malta għandha Missjoni Diplomatika residenti fil-pajjiż tan-nazzjonalità, il-formola ta' l-applikazzjoni, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn, għandhom jiġu personalment depożitati mill-applikant f'dik il-Missjoni Diplomatika. L-applikant ikun meħtieġ joqgħod għal intervista mandatorja.

(b) L-intervista mandatorja ghandha ssir fil-Missjoni Diplomatika residenti u titmexxa mill-uffiċjali fil-Missjoni Diplomatika residenti.

(3) Meta Malta ma jkollha ebda Missjoni Diplomatika residenti fil-pajjiż tan-nazzjonalità, il-formola ta' l-applikazzjoni, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn, għandhom jintbagħtu, jew lill-Missjoni Diplomatika ta' Malta akkreditata lill-pajjiż tan-nazzjonalità jew inkella direttament lill-Kummissarju. L-użu ta' intermedjarju jew agent huwa permissibbli biss f'dawk il-każijiet meta l-formola ta' l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti ta' sostenn ikunu mibgħutin direttament lill-Kummissarju.

(4) Tista' ssir intervista bit-telefon mill-Kummissarju f'dawk il-każijiet li hemm provdut dwarhom fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament.

(5) Id-dokumenti ta' sostenn kollha, mehmużin ma' l-applikazzjoni, għandhom ikunu d-dokumenti oriġinali hekk ċertifikati. Iktar minn hekk, ikun nutar pubbliku ċertifikat tal-pajjiż tan-nazzjonalità ta' l-applikant li għandu jafferma li l-informazzjoni mogħtija fid-dokument tkun korretta. Id-dokumenti ta' sostenn kollha għanhom jiġu legalizzati mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tan-nazzjonalità u kontro-firmati għall-istess għan minn uffiċjal tal-Missjoni Diplomatika ta' Malta fil-pajjiż tan-nazzjonalità. Għal dan il-għan, il-Missjoni Diplomatika ta' Malta fil-pajjiż tan-nazzjonalità għandha perjodikament tiżgura, permezz ta' *Note Verbale*, li uffiċjal li jkun qiegħed jillegalizza d-dokumenti ta' sostenn ikun tassew uffiċjal tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tan-nazzjonalità.

(6) Fil-każ fejn Malta m'għandhiex Missjoni Diplomatika fit-territorju tal-pajjiż tan-nazzjonalità u l-formola ta' l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni relatata jiġu riċevuti mill-Missjoni Diplomatika ta' Malta akkreditata lill-pajjiż tan-nazzjonalità, il-proċess ta' verifikazzjoni rigward il-legalizzazzjoni tad-dokumenti mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tan-nazzjonalità, għandu jsir qabel il-kontro-firma ta' legalizzazzjoni mill-Missjoni Diplomatika akkreditata. Għal dan il-għan, il-Missjoni Diplomatika akkreditata għandha wkoll perjodikament tiżgura, permezz ta' *Note Verbale*, li uffiċjal li jkun qiegħed jillegalizza d-dokumenti ta' sostenn ikun tassew uffiċjal tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tan-nazzjonalità.

(7) Fil-każijiet fejn Malta m'għandhiex Missjoni Diplomatika u l-Kummissarju jkun rċieva l-formola ta' l-applikazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn permezz ta' aġent jew intermedjarju, il-Kummissarju għandu qabel xejn jgħarraf lill-aġent jew lill-intermedjarju li d-dokumenti ta' sostenn jeħtieġu il-kontro-firma ta' legalizzazzjoni tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta:

Iżda meta l-*Legalisation Unit* tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta ma jkollhiex il-kampjun meħtieġ tal-firma, il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta għandu jiżgura, permezz ta' tpartit ta' *Notes Verbale*, li l-legalizzazzjoni neċessarja tad-dokumenti ta' sostenn saret minn uffiċjal tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tan-nazzjonalità.

(8) Ma għandha tiġi milqugħa ebda applikazzjoni mill-Kummissarju kemm-il darba d-dokumenti ta' sostenn relattivi ma jkunux gew debitament legalizzati mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tan-nazzjonalità u kontrofirmati mill-Missjonijiet Diplomatiċi ta' Malta jew mil-*Legalisation Unit* tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta, skond il-każ.

(9) Għandu jitħallas dritt amministrattiv ta' Lm50, jew l-ekwivalenti tagħhom f'munita barranija, lill-Missjoni Diplomatika ta' Malta għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni u t-trasmissjoni tagħha lejn Malta. Il-Missjoni Diplomatika ta' Malta għandha toħroġ riċevuta uffiċjali meta jsir il-hlas tad-dritt amministrattiv. Ma tingħatax rifużjoni tad-dritt, lanqas jekk l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

(10) Ir-responsabbiltà ta' l-aħħar għar-rifjut jew l-aċċettazzjoni ta' permess għal residenza tibqa' dik tal-Kummissarju. Il-Missjonijiet Diplomatiċi ta' Malta ma jkollhom ebda awtorità li jirrifjutaw jew jaċċettaw permess għal residenza.".

Jemenda Skeda B li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Fi Skeda B li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "(Regolament 8)" għandhom jidħlu l-kliem "(Regolament 7)".